

Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott għal prodott bijoċidali

Isem tal-prodott: FLY IN

Tip(i) ta' prodott: TP 19 - Sustanzi li jżommu 'l bogħod (repellents) u dawk li jattiraw (attractants)

TP 19 - Sustanzi li jżommu 'l bogħod (repellents) u dawk li jattiraw (attractants)

Numru tal-awtorizzazzjoni:

**Numru ta' referenza tal-assi
R4BP 3:** MT-0028271-0000

Werrej

Informazzjoni Amministrattiva	1
1.1. Isem kummerċjali tal-prodott	1
1.2. Detentur tal-awtorizzazzjoni	1
1.3. Manifattur(i) tal-prodotti bijoċidali	1
1.4. Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)	1
2. Kompożizzjoni u formulazzjoni tal-prodott	2
2.1. Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-prodott bijoċidali	2
2.2. Tip ta' formulazzjoni	2
3. Dikjarazzjonijiet ta' Periklu u prekawzjoni	2
4. Użu(ijiet) awtorizzati	3
5. Direzzjonijiet ġenerali għall-użu	7
5.1. Istruzzjonijiet għall-użu	7
5.2. Miżuri ta' mitigazzjoni ta' riskju	7
5.3. Partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u l-miżuri ta' emerġenza biex jiproteġu l-ambjent	8
5.4. Istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu	8
5.5. Kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin	8
6. Informazzjoni oħra	8

Informazzjoni Amministrattiva

1.1. Isem kummerċjali tal-prodott

FLY IN

1.2. Detentur tal-awtorizzazzjoni

Isem u indirizz tad-detentur ta' awtorizzazzjoni	Isem	S.R. Last Shield Limited
	Indirizz	Christodoulou Sozou 31 Hermes Tower Office 401 office 4 1095 Nicosia Ċipru
Numru tal-awtorizzazzjoni		
Numru ta' referenza tal-assi R4BP 3		MT-0028271-0000
Data tal-awtorizzazzjoni		12/11/2021
Data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni		12/11/2031

1.3. Manifattur(i) tal-prodotti bijoċidali

Isem tal-manifattur	LAST SHIELD LIMITED
Indirizz tal-manifattur	Kibbutz Gvat, 36579 – Israel 36579 Gvat Israel
Post ta 'siti ta' manifattura	Kibbutz Gvat, 36579 – Israel 36579 36579 Israel

1.4. Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)

Sustanza attiva	2329 - Saccharomyces cerevisiae (yeast)
Isem tal-manifattur	ALGIST BRUGGEMAN
Indirizz tal-manifattur	LANGERBRUGGEKAAI 37 B-9000 GENT - Belgium B-9000 Gent Il-Belġju
Post ta 'siti ta' manifattura	LANGERBRUGGEKAAI 37 B-9000 GENT - Belgium B-9000 Gent Il-Belġju
Sustanza attiva	2328 - Powdered egg
Isem tal-manifattur	SHIJIAZHUANG LEMANDOU CHEMICALS, LTD
Indirizz tal-manifattur	17TH FLOOR, BLOCK A, COFCO HEBEI PLAZA, NO.345 YOUYI NORTH STR. SHIJIAZHUANG, 050071 - China 050071 SHIJIAZHUANG Ċina
Post ta 'siti ta' manifattura	SHIJIAZHUANG LEMANDOU CHEMICALS, LTD 17TH FLOOR, BLOCK A, COFCO HEBEI PLAZA, NO.345 YOUYI NORTH STR. SHIJIAZHUANG, 050071 - China 050071 SHIJIAZHUANG Ċina

2. Kompożizzjoni u formulazzjoni tal-prodott

2.1. Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-prodott bijoċidali

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru KE	Kontenut (%)
Saccharomyces cerevisiae (yeast)		Sustanza attiva	68876-77-7		50
Powdered egg		Sustanza attiva			30

2.2. Tip ta' formulazzjoni

SP - Trab jinħall fl-ilma

3. Dikjarazzjonijiet ta' Periklu u prekawzjoni

Dikjarazzjonijiet dwar Periklu

--

**Dikjarazzjonijiet dwar
Prekawzjoni**

Żommu 'l bogħod minn fejn jistgħu jilhqquh it-tfal.

4. Użu(ijiet) awtorizzati

4.1 deskrizzjoni użu

Użu 1 - Użu # 1 - Fly in – Nassa tad-dubbien li għandha timtela bl-ilma

Tip ta' Prodott	TP 19 - Sustanzi li jżommu 'l bogħod (repellents) u dawk li jattiraw (attractants)
Meta rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	Attrirant għad-dubbien
Organiżmu/Organiżmi fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	isem xjentifiku: Musca domestica isem komuni: flies istadju iżvilupp: Adulti isem xjentifiku: Stomoxys calcitrans isem komuni: flies istadju iżvilupp: Adulti
Qasam tal-użu	Outdoor Other Barra jew f'bini mhux imsaqqaf
Metodu(i) ta' applikazzjoni	Metodu: sistema miftuħa Deskrizzjoni dettaljata: Deskrizzjoni dettaljata: In-nassa għandha timtela bl-ilma
Rata(i) u frekwenza tal-applikazzjoni	Rata ta' Applikazzjoni: 30 g ta' prodott għal kull litru ta' ilma. Dilwizzjoni (%): 3 Numru u ħin tal-applikazzjoni: Applikazzjoni waħda kull 15-30 jum, b'rabta mat-temperatura u l-grad tal-infestazzjoni.
Kategorija(i) tal-utenti	professjonali Pubbliku ġenerali (mhux professjonali)
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Borża (Fojl tal-aluminju): 30 g / 50 g / 100 g / 125 g Vażetti (Polietilen): 250 g / 1 kg / 3 kg Borża (Plastik bl-aluminju): 125 g / 150 g Borża (PET): 50 g

4.1.1 Uża speċifiċi istruzzjonijiet għall-użu

- Iftaħ it-tapp iż-żgħir fin-naħa ta' fuq tal-għatu.
- Imla l-borża bl-ilma sakemm l-ilma jilħaq il-"Linja tal-Mill".
- Agħlaq it-tapp iż-żgħir wara li tlesti timla l-borża bl-ilma.
- L-attractant jibda jaqbad id-dubbien madwar 3 ijiem wara li jitqiegħed fil-postijiet infettati.
- Dawwar it-tapp tal-plastik kontra l-arloġġ u iġbdu 'l fuq biex tiftħu sabiex tħalli lid-dubbien jidħlu fin-nassa
- Dendel in-nassa f'għoli ta' 3-6 piedi (1-2 metri) 'il fuq mill-art. Huwa rrakkomandat li n-nassa titqiegħed f'żona b'ħafna dawl tax-xemx
- Wara 30 jum jew meta n-nassa timtela jew il-kontenut jinxef, agħlaq l-għatu tan-nassa u armi n-nassa f'kontenitur tal-iskart.

Għall-effiċjenza massima tan-nassa

- F'jiem sħan, dendel in-nassa fid-dell. Meta t-temp ikun frisk, dendel in-nassa fix-xemx.
- Żgura li n-nassa dejjem ikun fiha l-ilma. Nassa mingħajr ilma ma tkunx effettiva. Jekk ikun meħtieġ, żid l-ilma.
- Il-lixka ddom effettiva għal 15-30 jum. Wara dan iż-żmien, ibdilha b'waħda ġdida.
- F'żin: Aħżen f'post frisk u niexef fejn ma tintlaħaqx mit-tfal u mill-annimali domestiċi.

Fejn Għandek Iddendilha

In-nases tad-dubbien bbażati fuq l-ilma kollha tagħna huma għall-UŻU FUQ BARRA BISS. Jikkontrollaw id-dubbien barra u jżommuhom milli jidħlu għewwa. Aħna nirrakkomandaw li ddendel in-nassa madwar 7-8 metri 'l bogħod mill-entraturi tad-dar u 6-7 metri 'l bogħod mit-terrazzini jew miż-żona bis-siġġijiet

Postijiet fejn huwa rrakkomandat li tiddendel n-nassa:

- Tul ċint fuq wara jew lejn in-naħa ta' wara tal-bitħa tiegħek
- Qrib iż-żona għall-klieb jew il-kennel
- Qrib laned taż-żibel jew miżbliet
- Qrib munzell tal-kompost
- Qrib post tal-kampeġġ
- F'maqjel b'ventilazzjoni tajba tal-arja
- Madwar żoni bi tjur, ħnieżer, nagħaġ, u baqar tal-ħalib u taċ-ċanga.

4.1.2 Miżuri ta 'mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu

Jekk jogħġbok irreferi għas-sezzjoni Direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.1.3 Fejn speċifika għall-użu, il-partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet l-ewwel għajnuna u miżuri ta 'emerġenza biex jiproteġu l-ambjent

Jekk jogħġbok irreferi għas-sezzjoni Direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.1.4 Fejn speċifika għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu

Jekk jogħġbok irreferi għas-sezzjoni Direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.1.5 Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin

Jekk jogħġbok irreferi għas-sezzjoni Direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.2 deskrizzjoni użu

Użu 2 - Uża # 2 – Fly In - Formulazzjoni Esklużiva għan-nases

Tip ta' Prodott

TP 19 - Sustanzi li jżommu 'l bogħod (repellents) u dawk li jattiraw (attractants)

Meta rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat

Attrirant għad-dubbien

Organiżmu/Organiżmi fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)

isem xjentifiku: Musca domestica
isem komuni: flies
istadju iżvilupp: Adulti

isem xjentifiku: Stomoxys calcitrans
isem komuni: flies
istadju iżvilupp: Adulti

Qasam tal-użu

Outdoor

Other

Barra jew f'bini mhux imsaqqaf

Metodu(i) ta' applikazzjoni

Metodu: sistema miftuħa

Deskrizzjoni dettaljata:

Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott għandu jinħall fl-ilma u jifferra' fin-nassa.

Rata(i) u frekwenza tal-applikazzjoni

Rata ta' Applikazzjoni: 30 g ta' prodott għal kull litru ta' ilma.

Dilwizzjoni (%): 3

Numru u ħin tal-applikazzjoni:

Applikazzjoni waħda kull 15-30 jum, b'rabta mat-temperatura u l-grad tal-infestazzjoni.

Kategorija(i) tal-utenti	professjonali Pubbliku ġenerali (mhux professjonali)
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Borża (Fojl tal-aluminju): 30 g / 50 g / 100 g / 125 g Vażetti (Polietilen): 250 g / 1 kg / 3 kg Borża (Plastik bl-aluminju): 125 g / 150 g Borża (PET): 50 g

4.2.1 Uża speċifiċi istruzzjonijiet għall-użu

- Żid kuċċarina ta' lixka (1.6 oz jew 30 g) għal kull litru ta' ilma.
- Uża l-ammont ta' ilma u lixka skont id-daqs tan-nassa.
- L-attractant jibda jaqbad id-dubbien madwar 3 ijiem wara li jitqiegħed fil-postijiet infettati.
- Meta l-likwidu tal-lixka jinxfet fin-nassa, erġa' imla l-likwidu tal-lixka fin-nassa.

Għall-effiċjenza massima tan-nassa

- F'jiem sħan, dendl in-nassa fid-dell. Meta t-temp ikun frisk, dendl in-nassa fix-xemx.
- Żgura li n-nassa dejjem ikun fiha l-ilma. Nassa mingħajr ilma ma tkunx effettiva. Jekk ikun meħtieġ, żid l-ilma.
- Il-lixka ddum effettiva għal 15-30 jum. Wara dan iż-żmien, ibdilha b'waħda ġdida.
- Ħżin: Aħżen f'post frisk u niexef fejn ma tintlaħaqx mit-tfal u mill-animali domestiċi.

Fejn Għandek Iddendilha

In-nases tad-dubbien bbażati fuq l-ilma kollha tagħna huma għall-UŻU FUQ BARRA BISS. Jikkontrollaw id-dubbien barra u jżommuhom milli jidħlu ġewwa. Aħna nirrakkomandaw li ddendl in-nassa madwar 7-8 metri 'l bogħod mill-entraturi tad-dar u 6-7 metri 'l bogħod mit-terrazzini jew miż-żona bis-siġġijiet

Postijiet fejn huwa rrakkomandat li tiddendl n-nassa:

- Tul ċint fuq wara jew lejn in-naħa ta' wara tal-bitħa tiegħek
- Qrib iż-żona għall-klieb jew il-kennel
- Qrib laned taż-żibel jew miżbliet
- Qrib munzell tal-kompost
- Qrib post tal-kampeġġ
- F'maqjel b'ventilazzjoni tajba tal-arja
- Madwar żoni bi tjur, ħnieżer, nagħaġ, u baqar tal-ħalib u taċ-ċanga.

4.2.2 Miżuri ta 'mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu

Jekk jogħġbok irreferi għas-sezzjoni Direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.2.3 Fejn speċifika għall-użu, il-partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet l-ewwel għajnuna u miżuri ta 'emerġenza biex jiproteġu l-ambjent

Jekk jogħġbok irreferi għas-sezzjoni Direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.2.4 Fejn speċifika għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu

Jekk jogħġbok irreferi għas-sezzjoni Direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.2.5 Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin

Jekk jogħġbok irreferi għas-sezzjoni Direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

5. Direzzjonijiet ġenerali għall-użu

5.1. Istruzzjonijiet għall-użu

Jekk jogħġbok irreferi għall-istruzzjoni speċifika għall-użu ta' kull użu awtorizzat.

5.2. Miżuri ta 'mitigazzjoni ta' riskju

Peress li ma ġie identifikat l-ebda periklu speċifiku għal dan il-prodott, huma rakkomandati biss miżuri ta' mitigazzjoni ġenerali.

Prekawzjonijiet għal immaniġġjar sikur:

Żgura li jkun hemm ventilazzjoni tajba tal-istazzjon tax-xogħol.

Tikolx, tixrobx u tpejjiplx meta tkun qed tuża dan il-prodott. Dejjem aħsel idejk wara li timmaniġġja l-prodott.

Tagħmir ta' Protezzjoni Personali (PPE):

Mhu meħtieġ l-ebda PPE għall-immaniġġjar ta' dan il-prodott.

Miżuri ta' sikurezza kontra n-nirien:

Tagħmir adattat għat-tifi tan-nar:

Sprej tal-ilma. Trab xott. Fowm.

Tagħmir mhux adattat għat-tifi tan-nar:

M'hemm l-ebda *data* disponibbli.

Perikli speċjali li jirriżultaw mis-sustanza jew mit-taħlita:

Huwa possibbli li jiżviluppaw gassijiet tal-kombustjoni jew fwar perikolużi fil-każ improbabbli li jkun hemm nar.

Parir għall-ħaddiema tat-tifi tan-nar: Tintervenix mingħajr ma tkun liebes tagħmir protettiv xieraq. Apparat respiratorju komplet fih innifsu. Protezzjoni sħiħa tal-ġisem.

5.3. Partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u l-miżuri ta 'emerġenza biex jiproteġu l-ambjent

Miżuri tal-ewwel għajnuna

Wara l-inalazzjoni: Mexxi lill-persuna lejn post bl-arja friska u żommha f'pożizzjoni komda biex tiegħu n-nifs.

Wara l-kuntatt mal-ġilda: Aħsel il-ġilda b'ħafna ilma.

Wara l-kuntatt mal-għajnejn: Laħlaħ l-għajnejn bl-ilma bħala prekawzjoni.

Wara l-ingerzjoni: Ikkuntattja lill-ċentru tal-avvelenament jew tabib jekk tħossok ma tiflaħx.

Indikazzjoni tal-kura medika u t-trattamenti speċjali kollha li għandhom jingħataw minnufih

Ittratta skont is-sintomi.

Miżuri f'każ ta' tixrid aċċidentali

Prekawzjonijiet personali, tagħmir protettiv u proċeduri ta' emerġenza:

Għall-persunal mhux ta' emerġenza: Ħudu xott. Naddaf iż-żona affettwata

Għall-persuni li jirrispondu sejħa ta' emerġenza: Tipprovax tiegħu azzjoni mingħajr tagħmir protettiv xieraq.

Prekawzjonijiet ambjentali:

Evita li titilqu fl-ambjent.

Metodi u materjal għat-trażżin u t-tindif:

Irkupra l-prodott b'mod mekkaniku

5.4. Istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu

Armi l-materjali jew ir-residwi solidi f'sit awtorizzat.

Il-kontenituri vojta jridu jintremew f'faċilitajiet ta' riċiklaġġ jew postijiet stabbiliti mill-awtorità lokali f'konformità mar-regolamenti xierqa.

5.5. Kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin

Kundizzjonijiet tal-ħżin: Aħżen f'żona friska xotta.

Żmien kemm idum tajjeb il-prodott: Sentejn

6. Informazzjoni oħra